MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 124/2020LM

**Crystal Clean Limited (C 66392)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Apparea Limited (C 79463)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta **Apparea Limited (C 79463)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta, laqa' it-talba

tas-soċjetà attriċi **Crystal Clean Limited (C 61249)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] u kkundanna l-imsemmija soċjetà appellanta sabiex tħallas lis-soċjetà appellata l-ammont ta' €2,110.31, bl-imgħax legali fuq l-ammont ta' €1,788.40 mit-22 ta' Ġunju, 2020, sad-data tal-pagament effettiv u finali u bl-ispejjeż ta' dik il-proċedura kontra s-soċjetà appellanta.

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw diversi servizzi, fosthom dawk ta' tindif, li wettqet is-soċjetà appellata fuq inkarigu tas-soċjetà appellanta għall-prezz ta' €2,110.31, u li baqa' ma tħallasx mis-soċjetà appellanta.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata għalhekk fit-22 ta' Ġunju, 2020 ippreżentat Avviż tat-Talba fil-konfront tas-soċjetà appellanta, fejn talbet lit-Tribunal sabiex:

> *"...jogħġbu jikkundanna lis-soċjetà intimata Apparea Limited, tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' elfejn, mija u għaxar euro u wieħed u tletin ċenteżmu (EUR2,110.31), bl-imgħax skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-ittra ġudizzjarja mibgħuta taħt l-artikolu 166°, enumerata 390/2020, kontra is-soċjetà intimata li minn issa tinsab inġunta għas-subizzjoni."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fil-31 ta' Lulju, 2020 fejn eċċepiet li (a) it-talbiet tas-soċjetà appellata kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk kellhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom; (b) is-soċjetà appellata kienet naqset

milli tipprovdi s-servizzi ta' tindif kif inkarigata b'mod xieraq skont is-sengħa u l-arti; (ċ) is-servizzi minimi li eżegwiet is-soċjetà appellata kienu ta' kwalità tant ħażina li s-soċjetà appellata kienet imġegħla titlob sabiex il-ħaddiema mibgħuta minnha jiġi sostitwiti b'oħrajn, b'dana li t-talba tagħha baqgħet mhux mismugħa u għalhekk hija kellha tinkariga terzi; (d) is-soċjetà appellata ma setgħetx tippretendi ħlas għal servizzi li qatt ma ġew reżi, u fejn reżi dawn kienu tant ħażin li ma kellhom l-ebda utilità għaliha; (e) salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellata.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li għamel is-segwenti sottomissjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Illi f'moħħ it-Tribunal jirriżulta li r-relazzjoni bejn il-kontendenti hija dik ta'* locatio operis *(fn. 19 Għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 1623 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-tip ta' relazzjoni ġiet ikkonfermata bħala tali fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Francis Buttigieg vs Phone Direct Limited</u>*** *(Appell Ċivili Numru: 310/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-18 ta' Ottubru 2006. Il-Qorti, li kienet qiegħda teżamina azzjoni b'relazzjoni simili qalet hekk:* "Huwa fatt inkontrastat illi l-attur ġie imqabbad mis-soċjetà konvenuta jagħmel xogħol ta' accountant. Tali ftehim ċertament jikkonfigura bħala wieħed ta' "locatio operis" definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodiċi Ċivili. Essenzjalment dan iġib li min jippresta s-servizzi tiegħu proprji, taħt kwalsiasi forma u għall-vantaġġ ta' ħaddiehor li jkun hekk inkarigah, jistħoqqlu li jiġi retribwit. Dan fuq l-istregwa tal-massima tradizzjonali magħrufa "omnia labor optat premium")*. Strettament, il-ġurisprudenza tagħna titkellem ukoll dwar* locatio operarum *(fn. 20 F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet* ***<u>Executive Security Services</u>*** ***<u>Limited vs Cavendish Hotels Limited</u>****, (Rik Maħluf Nru: 496/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Diċembru 2021 li reġgħet għamlet referenza għal din id-distinzjoni. Dik il-Qorti riaffermat hekk:* "Minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija waħda ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija, kif mifhuma taħt l-artikolu 1623 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-ġurisprudenza tagħraf bejn żewġ suriet ta' kuntratti ta' kiri ta' xogħol: dak

ta' locatio operarum u dak ta' locatio operis (ara inter alia John Andrea Bonnici v. Wisq Reverendu Dun Giuseppe Cauchi et nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Mejju, 1966 u Sue Bartolo v. Antoine Vassallo deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2005); Kif jikteb il-Professur V. Caruana Galizia, f'paġna 752 tan-noti tiegħu dwar Lease (Pre-1995) stampati mill-Għaqda Studenti tal-Liġi, «The "locatio operarum" may be defined as that contract in virtue of which a person (the lessor) binds himself towards another (the lessee) to perform a certain work or service, for a specified time and in return for a specified salary. The "locatio operis" may be defined as that contract whereby one of the parties (the lessor) binds himself to do a specified piece of work ("opera"), or to have it done for the other party (the lessee) in return for a specified salary.»"). *Hekk huwa f'dan il-każ għaliex is-servizz mogħti ma kienx wieħed li jikkonċerna xi opra iżda kuntratt fejn is-soċjetà attriċi obbligat ruħha li tħejji servizz determinat u kwantifikat bil-ħin (fn. 21 Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Saviour Caruana vs Vincent Farrugia et****, (Ċit Nru: 2427/1996/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Novembru 2003, dan il-kuntratt ġie definit hekk: "*In-natura ġuridika tal-ftehim intervenut bejn l-attur u l-konvenuti jidher li hi dik ta' "location operarum" jew "kiri ta' xoghol" kif aħjar definita fl-Artikolu 1623 tal-Kodiċi Ċivili. Prova ta' dan hi dik li l-attur kellu jithallas b'rata prestabbilità bis-siegħa. Dan jirrivesti l-karatteristika ta' impjieg għal ċertu żmien konsiderat ix-xogħol stipulat mill-punto di vista tat-tul tiegħu, fil-kwantità taż-żmien li dak li jkun jaħdem għal sid.") *Naturalment, il-prinċipju ġenerali huwa li min jippresta s-servizzi tiegħu jagħmel hekk kontra id-diżimpenn tal-parti l-oħra li tħallas għal dak is-servizz. B'hekk il-massima li sservi bħala bażi għall-istanza attriċi hija dik li* omnia labor optat premium *(fn. 22 Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet* ***Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et****, (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk:* Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' prinċipju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għal vantaġġ ta' ħaddiehor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward tal-elementi probatorji determinanti fil-każ konkret, jispetta lill-apprezzament għaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera tagħha, kemm għandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke għaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati tagħna, Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux ħlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jeżistu raġunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-ewwel tribunal, tiġi krejata inikwità għall-parti sokkombenti*"). Terġa' u tgħid, il-Qrati tagħna rrikonoxxew ukoll dan id-dritt meta x-xogħol li jkun sar huwa oltre dak li jkun ġie patwit* (*fn. 23* Vide *dak li seħħ fis-sentenza fl-ismijiet* ***Nicky Saliba vs Kunsill Lokali Nadur*** *(Appell Ċivili Numru:*

*111/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar 2 ta' Marzu 2010) Dan il-prinċipju ma jistax jiġi faċilment skartat (fn. 24 F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri bl-ismijiet* ***Improved Design Contractors vs Bellaviti & Improved Design Limited****, (Rik Nru: 201/2004) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2004). Bl-azzjoni odjerna, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas għas-servizzi professjonali mogħtija minnha, wara li ġiet ingaġġata biex tagħmel hekk mis-soċjetà konvenuta (fn. 25 Għalkemm is-soċjetà konvenuta tgħid li fil-verità kien Arrigo li kien ingaġġa lis-soċjetà attrici, huwa ċar lis-soċjetà konvenuta kienet taf bl-eżistenza tas-soċjetà attriċi u li kienet kuntenta bir-rati li dawn offrew. Għalhekk, f'moħħ it-Tribunal, ma hemmx ħtieġa li dan it-Tribunal jagħmilha t'arbitru hu stess u jħaddan dak li jippermetti l-artikolu 1624 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*Illi s-soċjetà konvenuta tibbaża d-difiża tagħha primarjament fuq żewġ binarji (fn. 26 Fil-verità, s-soċjetà konvenuta utilizzat ukoll eċċezzjoni ġenerika. Hawnhekk it-Tribunal iqis li għandu jagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal, diversament presedut fl-ismijiet* ***Catherine Cauchi vs Keith Seychell, (Tlb Nru: 176/2019)*** *mogħtija riċentement fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2021. Dan it-Tribunal jabbraċċja dak hemm awtorevolment deċiż dwar eċċezzjonijiet simili, kif diġà għamel f'sentenzi preċedenti tiegħu). Tgħid li x-xogħol li sar kien imwettaq ħażin u li kien xi xogħol li ma sarx.*

*Illi jrid jingħad li dan it-Tribunal ħaseb fit-tul fuq din il-kawża proprju minħabba l-provi li ġew offruti lilu sabiex jasal għad-deċiżjoni. Dawn jikkonsistu fil-verità minn depożizzjonijiet tad-diretturi tas-soċjetajiet kontendenti u emerġa ċar li hemm element qawwi ta' soġġettività (fn. 27 Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia****, (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtorità, ntqal hekk: "*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet.*) Ukoll, għalkemm jidher li Sean Arrigo huwa estranju għal din il-viċenda, ikollu jingħad li dan it-Tribunal fiehem kemm minnu, kif ukoll mis-soċjetà konvenuta, jidher lir-relazzjoni ma tantx hi waħda tajba u għalhekk ix-xhieda tiegħu, għalkemm kienet t'għajnuna, ġiet eżaminata minn dan it-Tribunal b'ċertu ċirkospizzjoni. Jidher li*

*s-soċjetà konvenuta ma tantx kienet kuntenta bix-xogħol li wettaq dan Arrigo, u l-istess Arrigo qal li hemm xi pendenzi ta' ħlasijiet allegatament dovuti lilu.*

*Illi wkoll is-soċjetà attriċi m'eżebitx it-*timesheets *rilevanti. Din setgħet tkun prova importanti wkoll għaliex setgħet b'mod aktar oġġettiv tagħti dawl u affidament għas-siegħat riklamati b'dawn il-proċeduri. Ukoll ma jidhirx lis-soċjetà attriċi kienet tħaddan u tutilizza sistema ta'* satisfaction notes *(fn. 28 Inċidentalment, dan il-*modus operandi *ġie diskuss u kien ċentrali fir-raġunament mogħti fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Bad Boy Cleaning Services Limited vs Lorry Caruana</u>****, (App Ċiv Nru. 210/2017/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-29 t'Marzu 2019). Kieku kien hekk, din ir-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza kien ikun ferm aktar faċli.*

*Illi madanakollu, mill-assjem sħiħ tal-provi hekk kif jemerġu mill-atti, ma jirriżultawx lil dan it-Trbiunal il-mankanzi li qiegħda tatribwixxi lis-soċjetà attriċi dik konvenuta. Dan qiegħed jingħad għaliex ħareġ ċar ċertu nkonsistenzi fix-xhieda kemm ta' Maria Attard u Stephen Debono kemm dwar il-frekwenza ta' kemm il-darba kienu fuq il-post meta kien hemm il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi u kif ukoll dwar x'kien ix-xogħol allegatament ħażin. Meta kienu jkunu preżenti (jekk verament kienu jkunu preżenti aktar minn darba waqt li kien hemm il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi) ma kienux jagħtu każ dak li kienet qiegħda tagħmel is-soċjetà attriċi.*

*Illi fil-verità jidher li kien hemm okkażjoni waħda biss fejn is-soċjetà konvenuta lamentat dwar l-operat tal-ħaddiema tas-soċjetà attriċi. Kienet f'din l-okkażjoni biss li hija waqfet lill-istess ħaddiema milli jkomplu jaħdmu. Mument wieħed instantanju m'huwiex biżżejjed (jekk dejjem dak il-mument jista' jingħata t-tifsira ta' nuqqas ta' diliġenza kif trid is-soċjetà konvenuta) sabiex jinnewtrallizza s-servizz kollu mogħti. Minn dak li emerġa, dak il-ħin kien għad hemm xogħlijiet għaddejjin u kien għalhekk bil-fors mistenni li jkun hemm xi trab għadu hemmhekk. Irriżulta fil-fatt li kien għad hemx xi xogħol xi jsir fl-aħħar ġimgħa qabel id-data meta kellu jinfetaħ dan il-ħanut. Dawn huma fatti normali fiċ-ċirkostanzi. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li ntwera li s-soċjetà attriċi naqset milli teżegwixxi xi xogħol (fuq dan is-soċjetà konvenuta hija totalment karenti għal dak li jikkonċerna produzzjoni ta' provi) u li sar xi xogħol ħażin.*

*Illi kif diġà ngħad, dan it-Tribunal eżamina x-xhieda t'Arrigo b'ċertu ammont ta' kawtela. Min-naħa l-oħra però dan ix-xhud kien ċar li x-xogħol sar (jagħti ferm aktar dettalji fuq il-kwalità tax-xogħol) u li dan ix-xogħol sar sew. Is-soċjetà konvenuta ma tistax tippretendi li abbażi t'okkażjoni waħdanija tirrifjuta li tħallas għas-servizz kollu meta ma ħaditx ħsieb li tissorvelja l-operat f'ħanut tagħha stess għal aktar minn xahar (fn. 29 Il-kunċett ta' sorveljanza (fost diversi prinċipji oħra li għandhom applikazzjoni għal dan il-każ) ġie wkoll diskuss propju f'kawża li kienet tittratta kuntratt ai termini tal-artikolu 1623 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioé dik deċiża permezz ta'*

*sentenza fl-ismijiet* ***Mark Micallef vs Christopher Pace**, (App Ċiv Nru. 235/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri fl-10 ta' Marzu 2004). Ta' dan ikollha tgħid* imputet sibi.

*Illi wara kollox, irid jiġi mfakkar li l-oneru tal-prova għal eċċezzjonijiet simili tirraġġira fuq il-parti konvenuta u dan anke in omaġġ tal-massima* 'reus excipiendo fit actor' *(fn. 30 Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Elena Agius vs Giuseppe Clancio nomine*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Lulju 1939 (Kollezz Vo. XXX.i.395), liema sentenza hija konsistentement iċċitata mill-Qrati tagħna, ntqal li* "f'ċertu każi l-konvenut bl-eċċezzjoni tiegħu isir attur in forza tal-prinċipju reus excipiendo fit actor, u għalhekk ikun obbligu tiegħu li jipprova dak li jkun eċċepixxa fl-istess azzjoni"). *Rinfaċċjat bil-provi tas-soċjetà attriċi, kien dmir tas-soċjetà konvenuta tissostanzja aħjar dak allegat minnha (fn. 31 Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk*: "huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piż probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu tinsorġi fih meta l-attur minn naħa tiegħu jkun ġab prova tal-fatti li jsostnu l-bażi tat-talba tiegħu. Dan huwa hekk għaliex l-insuffiċjenza jew in-nuqqas tal-provi taċ-ċirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni tal-attur ma tiddispensax lil dan tal-aħħar mill-piż li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tiegħu."). *Eċċezzjoni, bħal talba, tibqa' mera allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova. Dan huwa hekk b'aktar qawwa għal dak li jikkonċerna t-teżi tas-soċjetà konvenuta li x-xogħol magħmul ma kienx t'utilità għaliha (fn. 32 Rilevanti hawn dak li ntqal fis-sentenza (li saret referenza għaliha mid-difensur tas-soċjetà konvenuta fit-trattazzjonani finali fl-ismijiet* ***Marie Paul Wagner vs International Translation Agency Ltd**, (App Ċiv Nru: 425/2007) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Ottubru 2009 fejn* "Hu prinċipju konsagrat fil-ġurisprudenza illi min jindaħal għal biċċa xogħol għandu l-obbligu li jassikura illi l-prestazzjoni tiegħu tkun sejra ssir utilment, u mhux b'mod li tikkontjeni difetti. Hu, anzi, ammonit illi "f'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu 'il quddiem". *Ara "Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine", Appell Kummerċjali, 27 ta' Marzu, 1972. Dan jgħodd sew għall-appalt kif ukoll għal* locatio operis *in kwantu f'dan tal-aħħar hu anke annoverat l-appalt. Ara Artikolu 1626 (ċ) Kodiċi Ċivili; Jekk allura x-xogħol ma jsirx sewwa u skont ir-regoli tal-arti fis-sengħa jew il-professjoni partikulari, min jintraprendi dak ix-xogħol lanqas ma jkollu dritt għall-ebda parti tal-ħlas. Jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell Inferjuri, 7 ta' April, 1923, trattasi wkoll minn kuntratt ta'* locatio operis*, illi* "come ha ritenuto la Corte d'Appello in re: 'Andreas -vs- Grima' (Vol. XVI P I p 37), che niun compenso spetta al locatore

d'opera, quando questa per incapacità di lui riesce dannosa anziche utile al conduttore";)

*Illi finalment, it-Tribunal irid jirrimarka li dak hawn fuq deċiż m'għandux jirrifletti b'mod negattiv fuq ix-xogħol lodevoli li għamlet l-abbli difensur tas-soċjetà konvenuta. Huma l-fatti li ma jirrispekjawx il-linja difensjonali."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tiċħad t-talbiet tas-soċjetà attriċi appellata kif dedotti fir-rikors tagħha, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti, bl-ispejjeż tal-istanzi kollha kontra s-soċjetà attriċi appellata".*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) is-soċjetà attriċi ma ppruvatx il-kawża tagħha; u (b) is-servizzi ma ġewx reżi b'mod professjonali u kif titlob is-sengħa u l-arti.

7. Is-soċjetà appellata għażlet li ma tweġibx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji rispettivi tas-soċjetà appellanta fid-dawl tas-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju: [is-soċjetà attriċi ma ppruvatx il-kawża tagħha]*

9. L-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li s-soċjetà appellata ma ppruvatx il-kawża tagħha. Tibda billi tosserva li t-Tribunal tajjeb għaraf li s-soċjetà appellanta kienet ikkontestat il-pretensjoni tas-soċjetà appellanta fuq żewġ binarji, jiġifieri li hija m'għandhiex tħallas għal servizzi li qatt ma ġew reżi, u li s-servizzi minimi reżi ma kienux skont is-sengħa u l-arti. Imbagħad tgħaddi sabiex tispjega kif mill-provi kien irriżulta li hija kienet inkarigat lil ċertu Sean Arrigo sabiex jieħu ħsieb ix-xogħlijiet fl-istabbiliment Noos, f'Tower Road, Tas-Sliema billi jissorvelja l-ħaddiema u anki ix-xogħlijiet permezz tal-preżenza frekwenta tiegħu hemmhekk. Skont kif spjegat Maria Attard fix-xhieda tagħha, is-soċjetà appellanta mbagħad kellha tiġi ppreżentata b'*timesheets* iffirmati minn Arrigo bħala prova li l-ħaddiema tassew kienu ħadmu s-sigħat, u b'hekk hija tkun f'pożizzjoni li tagħmel il-pagament tal-imsemmija sigħat kif approvati. Tgħid li madankollu hija baqgħet qatt ma ngħatat dawn it-*timesheets* iffirmati, u għalhekk ma kellha l-ebda mezz kif tivverifika jekk is-sigħat tassew inħaddmu kif allegat. Is-soċjetà appellanta tirrileva li fix-xhieda tagħhom, Yvette Vassallo bħala *managing director* tas-soċjetà appellata, u Sean Arrigo, ikkonfermaw li fil-każ partikolari kienet topera s-sistema ta' *timesheets* li kienu jiġu ffirmati mill-istess Sean Arrigo, li qal ukoll li kopja tagħhom kienet tinżamm mill-ħaddiema tas-soċjetà appellata biex jgħadduhom lis-soċjetà appellata, filwaqt li huwa kien iżomm il-kopja l-oħra. Iżda għalkemm hija kienet għamlet ċar tassew li kellha bżonn dawn it-*timesheets* sabiex taffetwa ħlas, is-soċjetà appellata qatt ma ppreżentat din il-prova fil-proċeduri odjerni, anki meta ntalbet tagħmel dan għal darba darbtejn. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li din il-prova oġġettiva u konkreta kienet iktar meħtieġa fid-dawl tar-relazzjoni xejn tajba li hija kellha

ma' Sean Arrigo meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, u dan kif saħansitra osserva t-Tribunal ukoll. Iżda min-naħa l-oħra r-relazzjoni ta' Arrigo mas-soċjetà appellata kienet waħda tajba ferm u kienet tmur lura diversi snin. Issostni li s-soċjetà appellata naqset milli tipprova l-premessi u t-talbiet tagħha u għalhekk is-soċjetà appellanta ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas l-ammont reklamat fuq sempliċi dikjarazzjoni tas-sigħat maħduma, mingħajr prova in sostenn ta' dan. Tgħid li għalkemm it-Tribunal osserva li t-*timesheets* relattivi ma kienux ġew esebiti, huwa ma tax il-piż dovut lil dan in-nuqqas, u minflok qal li s-soċjetà appellanta ma kienx irnexxilha tipprova n-nuqqasijiet allegati minnha. Tagħlaq billi tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Emanuel Ellul et *vs.* Anthony Busuttil**.[1]

10. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija waħda tajba. It-Tribunal wara li kkonsidra l-pożizzjoni ta' kull waħda miż-żewġ partijiet fil-vertenza odjerna, anki dak li qal ix-xhud Sean Arrigo, iżda dan b'ċertu ċirkospezzjoni stante li s-soċjetà appellanta ma kinitx kuntenta wisq bix-xogħol tiegħu, u saħansitra kien għad hemm pendenti xi pagamenti allegatament dovuta lilu, ikkonstata li s-soċjetà appellata ma kinitx esebiet it-*timesheets* rilevanti. Il-Qorti hawn tirrileva li skont ix-xhieda ta' Christina Xuereb, *managing director* tas-soċjetà appellata, kull impjegat tagħha kellu *timesheet* maħruġa mill-uffiċċju tagħhom, fejn kien jiffirma għas-sigħat li jkun għamel u fejn, peress li kienu jaħdmu f'aktar minn post wieħed. Qalet li mingħajrha hija ma kinitx tkun f'pożizzjoni li tħallas lill-impjegati tagħha.[2] Dan ġie kkonfermat minn Yvette Vassallo li kienet il-

[1] 07.05.2010.
[2] Ara xhieda in kontro-eżami seduta tat-03.05.21 *a fol.* 40 *tergo* u 41.

*managing director* tal-imsemmija soċjetà appellata fiż-żmien tal-kwistjoni bejn il-partijiet.[3] Iżda fir-rigward tal-każ odjern, Christina Xuereb spjegat ukoll li dawn ma kienux jiġu ffirmati minn rappreżentant tas-soċjetà appellanta, għaliex ma kien hemm ħadd min-naħa tas-soċjetà appellanta biex jagħmel dan.[4] Min-naħa tagħha, Yvette Vassallo mistoqsija x'kontroll kellha fuq is-sigħat tal-impjegati tagħhom, iddikjarat li kien ikun hemm preżenti Sean Arrigo bħala *project manager* inkarigat mis-soċjetà appellanta.[5] Ix-xhieda ta' Sean Arrigo hija pjuttost ekwivoka, u l-Qorti tgħid li ma joħroġx ċar x'kien fil-fatt ġara fil-każ odjern meta jgħid *"naċċerta li iva, nimmagina yes ehe"*, jiġifieri jekk hu kienx iffirma t-*timesheets* in kwistjoni.[6] It-Tribunal hawn tajjeb osserva li l-prova tat-*timesheets* kellha tkun waħda importanti stante li din setgħet ukoll b'mod oġġettiv tixhet dawl u tagħti affidament fir-rigward tas-sigħat li għalihom kien qed jintalab il-ħlas. Mix-xhieda ta' Maria Attard kif ċitata mis-soċjetà appellanta stess, joħroġ ċar li min-naħa tagħha hija straħet fuq Sean Arrigo, sabiex isegwi wkoll dak li kien qed isir mill-impjegati tas-soċjetà appellata, iżda tgħid ukoll u dan mhux punt ikkontestat, li ma kienet tirriżulta l-ebda firma tiegħu jew ta' xi mpjegat tiegħu. Tirrileva li jekk is-soċjetà appellanta kienet, kif qegħda tgħid, għamlitha ċarissima li ma kienet ser taffetwa l-ebda pagament sakemm ma kellhiex prova f'idha li s-sigħat tassew inħaddmu, u għalhekk kienet qegħda tinsisti fuq it-*timesheets* debitament iffirmati minn Sean Arrigo, din il-kondizzjoni ma tirriżultax li kienet għamlitha ċara sa mill-bidunett mas-soċjetà appellata. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetà appellanta ma tistax illum torbot il-ħlas ma' din il-kundizzjoni ġdida li qegħda tinsisti fuqha. Tagħraf li fil-

[3] Ara xhieda in kontro-eżami seduta tat-03.05.21 *a fol.* 45 *tergo* u 46.
[4] *Supra.*
[5] *Supra.*
[6] Ara xhieda in kontro-eżami seduta tat-03.05.21 *a fol.* 49 *tergo.*

fattura esebita bħala 'Dok. A' a *fol.* 17, hemm id-diversi sigħat ta' servizzi reżi lis-soċjetà appellanta mingħand is-soċjetà appellata, u għalhekk fiċ-ċirkostanzi kienet is-soċjetà appellanta li kienet tenuta tagħmel il-verifiki tagħha ulterjuri mal-*project manager* tagħha f'każ ta' dubju dwar dak id-dokument. Iżda ċertament ma kellux jinżamm il-pagament lis-soċjetà appellata jekk hija kellha xi kwistjoni mal-imsemmi *project manager,* u t-Tribunal kien korrett meta ma ċaħadx it-talba għall-ħlas minħabba n-nuqqas ta' prova min-naħa tas-soċjetà appellata konsistenti f'*timesheets* iffirmati.

11. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta ma jirriżultax ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[is-servizzi ma ġewx reżi b'mod professjonali u kif titlob is-sengħa u l-arti]*

12. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta jirrigwarda l-ilment tagħha li s-servizz ma ġewx reżi mis-soċjetà appellata b'mod professjonali u skont is-sengħa u l-arti. Tirrileva li permezz tax-xhieda tagħhom waqt l-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2020, id-diretturi tagħha kienu fissru l-inċident li wassal sabiex l-inkarigu tas-soċjetà appellata jiġi tterminat, u fejn allegatament kien hemm nuqqas ta' ħila u ta' professjonalità murija mill-impjegati tal-imsemmija soċjetà appellata. Hija tiċċita silta mix-xhieda tad-direttur tagħha Stephen Debono. Tgħid li fil-paġni 11 u 12 tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal iddikjara li ma kienux irriżultawlu n-nuqqasijiet li hija kienet qegħda tattribwixxi lis-soċjetà appellata, u minflok ħarġu ċari ċerti nkonsistenzi fix-xhieda tad-diretturi tagħha fir-rigward ta' kemm-il darba huma kienu aċċedew fuq il-post meta kien hemm

il-ħaddiema tas-soċjetà appellata, u anki x'kien ix-xogħol allegatament ħażin. Tikkontendi li t-Tribunal naqas milli jispjega x'kienu dawn l-inkonsistenzi li wassluh sabiex ċaħad l-eċċezzjonijiet tagħha, u għall-kuntrarju x-xhieda msemmija kienet turi kemm hija dejjem kienet konsistenti u veritiera f'dak li qalet. Iżda tgħid li l-istess ma setax jingħad fir-rigward tax-xhieda prodotti mis-soċjetà appellata, fejn filwaqt li fil-kontro-eżami ta' Kristina Xuereb ix-xhud qalet li t-*time-sheets* ma kienux jiġu ffirmati minn rappreżentant tas-soċjetà appellanta għaliex ma kien ikun hemm ħadd fuq il-post, mill-kontro-eżamijiet ta' ommha Yvette Vassallo u ta' Sean Arrigo, irriżulta li dawn fil-fatt kienu jiġu ffirmati minn dan tal-aħħar li kien qed jieħu ħsieb il-proġett f'isimha. Barra minn hekk it-Tribunal kien żbaljat meta stqarr li hija *"ma ħaditx ħsieb li tissorvelja l-operat f'ħanut tagħha stess għal aktar minn xahar. Ta' dan ikollha tgħid* imputet sibi*"*. Tikkontendi li għall-kuntrarju, matul ix-xahar li għalih kien qed jintalab ħlas għas-servizzi reżi mis-soċjetà appellata, kellu jkun preżenti b'mod frekwenti Sean Arrigo, u kien lejn l-aħħar tax-xahar li d-diretturi tagħha bdew imorru fl-istabbiliment wara li l-istess Sean Arrigo abbanduna l-proġett. Tgħid li fl-affidavit tiegħu Sean Arrigo stess isostni li hu jew kollega tiegħu kienu preżenti. Is-soċjetà appellanta tkompli tgħid li n-nuqqas ta' professjonalità tas-soċjetà appellata tirriżulta mill-fatt li saħansitra ma kienet ittantat bl-ebda mod tikkomunika mad-diretturi tagħha sabiex tinvestiga l-ilment jew issib soluzzjoni. L-ewwel komunikazzjoni min-naħa tagħha kienet proprju t-talba għall-ħlas. Imbagħad ix-xhieda ta' Yvette Vassallo dwar dak li ġara wara li hija rċeviet l-ilment kienet mimlija inkonsistenzi u ineżattezzi, u xejn ma kienet veritiera. Tgħid li għalkemm din iddikjarat li l-ilment tas-soċjetà appellanta kien dwar it-trab, l-ilment ma kien jirrigwarda xejn minn dan. U jekk kien minnu li hija kienet

tassew marret fuq il-post, kienet tassigura li tkellem lid-diretturi tas-soċjetà appellanta sabiex tberred is-sitwazzjoni. Tgħid li tant ma kienx minnu li l-istess Yvette Vassallo kienet marret fil-post, li filwaqt li din titkellem fuq suffitti, il-post ma kellu l-ebda suffitt iżda *sprayed concrete finish.* Iżda dan kollu tikkontendi ma ngħata l-ebda piż mit-Tribunal. Filwaqt li tiċċita dak li qal it-Tribunal li huwa ma kienx sodisfatt li s-soċjetà appellanta kien irnexxielha turi li s-soċjetà appellata kienet naqset milli teżegwixxi xi xogħol u li sar xogħol ħażin, issostni li skont kif spjegaw Maria Attard u Stephen Debono fil-kontro-eżamijiet tagħhom, ix-xogħlijiet kienu qed jingħalqu sular b'sular u l-ħaddiema tas-soċjetà appellata nstabu f'dak is-sular li kien lest minn kollox. Tgħid li l-ilment tagħha qatt ma kien li kien hemm it-trab fil-post, iżda li x-xogħol mistenni ma kienx qed isir. Is-soċjetà appellanta tinsisti li ma jistax jiġi kkontestat il-fatt li l-mod kif kien qed isir it-tindif ma kienx skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk ta' ebda utilità għaliha. Illi għalhekk b'apprezzament akkurat tal-provi prodotti, it-Tribunal kellu jiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata.

13. Il-Qorti hawn ukoll issib li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Kuntrarjament għal dak li qegħda tallega s-soċjetà appellanta, it-Tribunal għamel ċar l-inkonsistenzi li huwa kien qiegħed jikkonstata fix-xhieda ta' Maria Attard u dik ta' Stephen Debono, iż-żewġ diretturi tagħha. Filwaqt li esprima d-dubju tiegħu dwar jekk tassew dawn kienu preżenti fuq il-post aktar minn darba waqt li kienu qegħdin jaħdmu l-impjegati tas-soċjetà appellata, u hawn il-Qorti tagħmel riferiment għax-xhieda tad-direttur Maria Attard fejn saħansitra tgħid li Sean Arrigo kellu jkun hemm sabiex sabiex jissorvelja x-xogħlijiet, iżda dan *"telaq fuq boat race. Aħna kellna mmorru...jiena u Stephen biex nagħmlu x-xogħol li suppost qed jagħmel hu. Sibna lil dawn l-cleaners imqabbdin minn Sean*

*Arrigo li ma kienux qegħdin jagħmlu xogħolhom"*[7], u li *"...qisu l-aħħar ġimgħa ta' Novembru morna hemm, u sorġejna hemm sakemm spiċċajna u ftaħna l-ħanut fit-13 ta' Diċembru"*[8], it-Tribunal osserva li meta kienu jkunu preżenti huma ma kienux jagħtu każ dak li kienet qegħda tagħmel is-soċjetà appellata. Tassew rilevanti mbagħad huwa l-kumment tat-Tribunal li fil-fatt irriżulta li kien hemm okkażjoni waħda biss fejn hija kienet illamentat dwar is-servizz, u waqqfet lill-ħaddiema tas-soċjetà appellata milli jkomplu bix-xogħol tagħhom. Tajjeb osserva t-Tribunal li dak il-ħin kien għad hemm diversi xogħlijiet għaddejjin, u għalhekk kien mistenni li jkun hemm it-trab, u l-Qorti tqis li huwa ferm validu l-kumment tiegħu li mument wieħed waħdu ma kienx biżżejjed sabiex jinnewtralizza s-servizz. Għalhekk it-Tribunal wasal għall-konklużjoni ġusta li ma kienx sodisfatt li b'hekk is-soċjetà appellata kienet naqset milli teżegwixxi xi xogħol u li xi xogħol sar ħażin. Fil-fatt osserva tajjeb hawn kemm is-soċjetà appellanta naqset milli tipproduċi l-prova relattiva. Ċertament tgħid il-Qorti, is-soċjetà appellanta kienet tenuta tissostanzja l-allegazzjoni tagħha dwar il-kwalità ħażina tas-servizzi reżi permezz ta' prova sodisfaċenti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tagħha. It-Tribunal ħa in konsiderazzjoni, u dan b'ċertu kawtela minħabba r-relazzjoni tiegħu mal-partijiet rispettivi, il-fatt li Sean Arrigo kien iddikjara li x-xogħol kien sar u li dan sar sew. Filwaqt li sostna li s-soċjetà appellanta ma setgħetx tippretendi li tirrifjuta li tħallas għas-servizz kollu minħabba okkażjoni waħda, meta hija kienet naqset milli tieħu ħsieb li tissorvelja l-operat fil-fond tagħha stess għal aktar minn xahar. It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal

[7] Seduta tal-10.12.20 *a fol.* 30.

[8] *Ibid. a fol.* 28. Ara wkoll xhieda waqt l-istess seduta ta' Stephen Debono *a fol.* 32 *tergo et seq.*

fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal.

14. Għaldaqstant issib li dan l-aggravju wkoll mhux mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-istess soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**